MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 989/2008

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija Il-Palma Agricultural Supplies Co Ltd (C-10770) li kienet xjolta bi provvediment ta` din il-Qorti tat-18 ta` Novembru 2010**

**Il-Qorti :**

**I.** **<u>Preliminari</u>**

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 2010 (fol 99) li permezz tieghu kienu appuntati l-Av. Dr. Peter Fenech u l-Awditur Michael Spiteri Bailey bhala stralcjarji tas-socjeta` Il-Palma Agricultural Supplies Co Ltd (C-10770).

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tal-24 ta` Marzu 2011 (fol 111) fejn laqghet it-talba tal-istralcjarji, kif dedotta permezz ta` rikors taghhom tas-16 ta` Marzu 2011, ghall-hatra tad-ditta ta` awdituri ADT Turner & Associates sabiex taghmel l-audits tal-kontijiet tal-kumpannija xjolta.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tad-29 ta` Frar 2012 (fol 129) fejn ordnat lill-istralcjarji sabiex johorgu ghall-bejgh lill-pubbliku l-propjeta` 25, Mosta Road, Attard. Tathom id-dritt li jirrifjutaw anke l-ahjar offerta minn terzi, u li meta jidhlu l-offerti, l-oghla offerta tigi senjalata lill-azzjonisti. Dawn inghataw *the right of first refusal* b`dan illi l-jedd jibqa` jghodd sa zmien hmistax-il jum min-notifika lilhom tal-oghla offerta. Jekk xi hadd mill-azzjonisti jkun interessat, il-propjeta` tkun iggudikata lilu. Jekk hadd ma jkunx interessat, il-propjeta` tigi gudikata lit-terzi. Jekk l-azzjonisti jkunu t-tnejn interessati, allura l-offerta ssir bejniethom fi zmien hmistax–il jum mid-data stabbilita mill-istralcjarji.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezenta l-azzjonista Alfred Mallia fis-27 ta` April 2012 (fol 131 et seq).

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Mejju 2012 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 178) fejn *inter alia* nghad hekk :-

*… Dr Fenech informa l-Qorti li wiehed mill-azzjonisti Alfred Mallia ma rritornax is-somma ta` €19,550 li huma flus tal-kumpannija fuq bejgh ta` propjeta` tal-kumpannija li wara li thallas il-bank, ix-xerrej qassam il-bilanc rimanenti ammontanti ghal €19,950 lil kull wiehed mill-azzjonisti tal-kumpannija Palma personalment.*

*Jesmond Mallia rritorna c-cheque kif mitlub mill-istralcjarji, u l-istralcjarju mar ghand ix-xerrej u sarraf ic-cheque u uza l-flus biex jthallsu d-djun tal-kumpannija.*

*Min-naha l-ohra Alfred Mallia ma rritornax la c-cheque li fil-fatt issarraf, u lanqas il-flus meta l-istralcjarju qed jikkontendi li huma flus tal-kumpannija …*

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezenta l-azzjonista Alfred Mallia fit-8 ta` Gunju 2012 (fol 180).

Rat ir-rikors li pprezenta Jesmond Mallia a tenur tal-Art 239(4) tal-Kap 386 (fol 199) fejn talab lill-Qorti *sabiex tordna lill-istralcjarji jiehdu dawk il-mizuri kollha spettanti lill-kumpannija, fost l-ohrajn bil-hrug tal-mandati kawtelatorji opportuni u billi jigu istitwiti l-proceduri mehtiega sabiex il-kumpannija tottjeni titolu ezekuttiv kontra Alfred Mallia a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex Alfred Mallia jigi mgieghel jirrifondi s-somma ta` €19,817.47 lill-kumpannija b`effett immedjat …*

Rat ir-risposta li pprezenta Alfred Mallia fil-25 ta` Gunju 2012 (fol 196) fejn *inter alia* ddikjara illi *minkejja illi l-posizzjoni legali tal-esponenti fir-rigward tal-flus li qeghdin jintalbu minnu, u cioe` is-somma ta` €19,817.47 hija li ghandhom jigu pacuti in parte ma` somma hafna akbar li ghandha tithallas mill-azzjonist Jesmond Mallia lill-kumpannija, huwa b`sinjal ta` rieda tajba u koperazzjoni sejjer ihallas din is-somma* <u>*under protest*</u> *u bla pregudizzju ghad-drittijiet tieghu.*

Rat ir-risposta li pprezentaw l-istralcjarji fit-13 ta` Novembru 2012 (fol 208) fejn iddikjaraw illi *l-ammont dovut minn Alfred Mallia lill-kumpannija jammonta ghal €6516.23 u dan rizultat ta` diversi kalkoli li kellhom isiru bhala parti mill-istralc.* Iddikjaraw ukoll *li l-kumpannija llum hallset id-djun kollha taghha, inkluz dak dovut lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.*

Rat ir-rapport li pprezentaw l-istralcjarji tal-hidma taghhom, li kien konfermat bil-gurament fl-udjenza tad-29 ta` Novembru 2012 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-domandi bil-miktub li pprezenta Alfred Mallia fil-21 ta` Dicembru 2012 (fol 211) biex iwegbuhom l-istralcjarji.

**Rat l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tas-17 ta` Jannar 2013 li permezz taghha dan il-procediment kien assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta (fol 214).**

Rat id-domandi bil-miktub li pprezenta Jesmond Mallia fl-udjenza tal-24 ta` Jannar 2013 (fol 217) biex iwegbuhom l-istralcjarji.

Rat ir-risposti li pprezentaw l-istralcjarji fil-25 ta` Jannar 2013 ghall-kwesiti li sarulhom minn Alfred Mallia (fol 220).

Rat ir-risposti li pprezentaw l-istralcjarji fl-udjenza tas-6 ta` Frar 2013 ghall-kwesiti li sarulhom minn Jesmond Mallia (fol 225).

Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Peter Fenech fl-istess udjenza (fol 227 et seq).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li pprezenta Alfred Mallia fis-7 ta` Marzu 2013 (fol 229).

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezenta Jesmond Mallia fl-udjenza tat-8 ta` Mejju 2013 (fol 234).

**Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-8 ta` Mejju 2013 fejn halliet il-procediment ghal provvediment dwar jekk l-istralc ghandux jaghlaq fuq il-binarji proposti mill-istralcjarji inkella kif sottomess minn Alfred Mallia u Jesmond Mallia.**

Rat id-digriet li tat fit-12 ta` Gunju 2015 (fol 284 et seq) fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, issospendiet l-ghoti tal-provvediment, u ordnat lill-partijiet u lid-difensuri taghhom sabiex jidhru quddiemha fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015 fid-9.00 a.m.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015 kienu kjarifikati d-diffikultajiet li sabet ruhha l-Qorti u li wassluha biex tissospendi l-prolazzjoni tal-provvediment.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-procediment odjern ghal provvediment.

## II. <u>Rapport tal-istralcjarji</u>

L-istralcarji pprezentaw (u kkonfermaw bil-gurament) rapport dettaljat u artikolat *inter alia* tal-hidma taghhom. Mar-rapport ipprezentaw ukoll dokumenti. In partikolari, fir-rapport taghhom, jaghmlu riferenza ghad-deposizzjoni ta` persuni li, anke abbazi ta` dak li xehdu, setghu jigu stabbiliti fatti determinanti ghall-konduzzjoni tal-istralc ; dan apparti l-akkwisizzjoni ta` dokumenti. Fir-rapport, l-istralcjarji ifissru l-metodologija li segwew sabiex jittentaw jigbru l-krediti li kellha l-kumpannija xjolta. Jaghtu d-dettalji tad-debiti li kellha s-socjeta` u kkonfermaw li dawn thallsu kollha bhala parti mill-hidma taghhom. Issodisfaw l-obbligi li kellha s-socjeta` mal-awtoritajiet fiskali, billi pprezentaw l-formoli tat-taxxa kollha li kienu pendenti. L-

*accounts* ingiebu wkoll *up to date.* L-istralcjarji ttrattaw ukoll b`dettall diversi punti ta` tilwim li nqalghu bejn iz-zewg azzjonisti u diretturi tas-socjeta`, tilwim li fis-sostanza wassal ghax-xoljiment taghha, inkluz dwar il-konsistenza ta` l-assi. L-istralcjarji ppropone w skema ta` distribuzzjoni (Dok PAS6) wara li kkostataw illi ma kienx fadal kredituri. Skond l-istralcjarji, kull azzjonista ghandu jircievi €10,164.51. Billi l-azzjonista Alfred Mallia huwa debitur tas-socjeta` fl-ammont ta` €16,680.74, irid jaghti lura l-ammont ta` €6,516.23. L-azzjonista l-iehor irid jircievi €10,164.51.

**III.** **<u>Kwesiti tal-azzjonisti</u>**

Iz-zewg azzjonisti talbu lill-Qorti sabiex jaghmlu kwesiti bil-miktub lill-istralcjarji. Il-Qorti akkordat din il-fakolta`.

**a)** **<u>Alfred Mallia</u>**

**<u>In succint</u>**, dan l-azzjonista staqsa ghaliex l-istralcjarji warrbu l-allegazzjoni tieghu li Jesmond Mallia ghamel bejgh ta` stokk minghajr ricevuta fiskali meta din l-allegazzjoni kienet ippruvata bix-xiehda ta` persuni li kienu mpjegati tas-socjeta`. Staqsa xi proceduri ttiehdu mill-istralcjarji ghall-krediti tas-socjeta` li baqghu ma ngabrux, u dwar il-krediti li ngabru staqsa dwar il-prova tal-pagament. Allega li Marianna Mallia ghadha hajja u kwindi talab spjegazzjoni dwar cheques bi flus tas-socjeta` li Jesmond Mallia ghaddielha. Staqsa wkoll dwar dak li kjarament identifika bhala abbuz minn Jesmond Mallia tal-“petty cash”.

**b)** **<u>Jesmond Mallia</u>**

**In succint**, dan l-azzjonista kkontesta li t-titolu ghall-pet shop (li jissemma fir-rapport) kellu jkun ta` Alfred Mallia. Ried ikun jaf ghaliex ma ntalabx minghand Alfred Mallia li jhallas lura flus li thallsu minn fondi tas-socjeta` ghal servizzi resi lilu personalment minn terzi ; ghaliex thalla jircevi flus minghand debituri tas-socjeta` waqt l-istralc ; ghaliex stokk tas-socjeta` nbiegh minn Alfred Mallia bla kontroll li l-rikavat imur tassew biex jithallsu fornituri tas-socjeta` ; ghaliex ma talbux il-hlas tal-imghax fuq l-ammont ta` €14,817.24 dovut minn Alfred Mallia ; u ghaliex ma kienx ittiehed kont li hu (Jesmond Mallia) kien hallas minn tieghu VAT tas-socjeta` fl-ammont ta` €860.

## IV. Risposti tal-istralcjarji

Ghall-kwesiti, l-istralcjarji wiegbu hekk :-

### a) Alfred Mallia

Ikkonfermaw illi l-provi dwar bejgh ta` merkanzija minghajr ricevuta fiskali kienu nkonklussivi. Dwar id-debituri tas-socjeta`, l-istralcjarji rrilevaw li l-ammont li rnexxielhom jigbru kien l-ahjar li setghu jiksbu fic-cirkostanzi billi bosta mill-krediti tas-socjeta` kienu preskritti waqt li fil-kaz ta` ohrajn id-diretturi kienu sprovvisti minn fatturi li jaghmlu prova tal-bejgh. Dwar Marianna Mallia, l-istralcjarji qaghdu fuq taghrif li ghaddewlhom l-azzjonisti jew min minnhom. Dwar il-“petty cash”, l-istralcjarji kemm fissru ahjar dak li diga` spjegaw fir-rapport taghhom.

### b) Jesmond Mallia

**In succinct**, fir-risposti taghhom bil-miktub ghall-kwesiti ta` Jesmond Mallia, l-istralcjarji, dwar il-kirja ta` l-pet shop, huma rrilevaw li l-kirja ghandu tmur ghand min jopera l-pet shop ; billi sa mill-1979, Alfred Mallia jew wahdu jew ma` haddiehor, kien jiggestixxi l-pet shop, il-kirja kellha tghaddi ghandu fuq bazi ta` ekwita`. Qalu li ma

rrizultatx il-prova li bi flus tas-socjeta` thallsu servizzi resi lil Alfred Mallia personalment. Ikkonfermaw li kienu sodisfatti li l-proventi mill-bejgh tal-istokk minn Alfred Mallia mar biex thallsu l-fornituri. Sostnew li mal-azzjonisti dwar l-imghax imxew bl-istess mod u cioe` ma talbu imghax lil ebda wiehed minnhom.

## V. <u>Sottomissjonijiet</u>

Fis-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub, l-azzjonisti jaghmlu analizi tal-kwadru tal-fatti, kull wiehed mill-punto di vista tieghu, b`enfasi fuq il-kwesiti li ghamlu lill-istralcjarji u r-risposti li nghataw.

### a) <u>Alfred Mallia</u>

**<u>Fis-sostanza</u>** Alfred Mallia jirrileva li l-prova li Jesmond Mallia kien jaghmel bejgh minghajr ricevuta fiskali tirrizulta fuq bilanc ta` probabilitajiet. Dwar il-gbir ta` krediti tas-socjeta` fl-ammont li jaqbez l-€100,000 li l-istralcjarji ma rnexxielhomx jirkupraw, Alfred Mallia jesprimi l-fehma li c-cirkostanzi m`ghandhomx iwasslu biex dawn jitqiesu bhala “bad debts”. Alfred Mallia jikkontendi li Jesmond Mallia ghamel uzu hazin tal-“petty cash” u ghalhekk Jesmond Mallia ghandu jaghti rendikont tal-agir tieghu sabiex kull fejn sar uzu hazin tal-“petty cash” jaghmel tajjeb personalment l-istess Jesmond Mallia.

### b) <u>Jesmond Mallia</u>

**<u>In succinct</u>,** dan l-azzjonista jsemmi serje ta` fatti ghaliex l-istralcjarji waslu ghall-konkluzjoni, fil-fehma tieghu, zbaljata li l-kirja tal-“pet shop” ghandha tigi

assenjata lil Alfred Mallia. Is-socjeta` xjolta qatt ma kellha titolu ghall-"pet shop". Id-direzzjoni li taw l-istralcjarji dwar id-destinazzjoni tal-"pet shop" johrog barra ghal kollox mill-kompiti statutorji taghhom. Fi kwalunkwe kaz, ghand min tmur il-kirja tal-"pet shop" ma tigix deciza abbazi ta` ekwita`. Jesmond Mallia wera l-insodisfazzjon tieghu dwar il-mod kif l-istralcjarji ttrattaw l-allegat hlas li ghamel Alfred Mallia bi flus tas-socjeta`. Ikkontesta d-decizjoni dwar l-imghax li hadu l-istralcjarji. L-ammont ta` €860 li Jesmond Mallia hallas lid-Dipartiment tal-VAT kellu jigi rifuz.

**VI. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Wara li kumpannija tigi xjolta, ma tibqax tezercita l-kummerc. Sakemm kumpannija tigi stralcjata, tkun trid issir ir-realizzazzjoni ta` l-assi u l-hlas tal-passivita`, segwita minn distribuzzjoni bejn l-azzjonisti ta` dak li jkun baqa`, jekk ikun il-kaz. Socjeta` tigi estinta jew meta tigi konkluza d-distribuzzjoni, jew meta ma jkun hemm xejn x`jitqassam bejn l-azzjonisti. F`dan il-kuntest, il-funzjoni tal-istralcjarju ta` kumpannija dixxjolta huwa li *inter alia* jikkustodixxi l-patrimonju tas-socjeta`, jinvestiga l-pretizi kollha avvanzati kontra s-socjeta` mill-kredituri taghha, jiddeciedi l-kwistjonijiet ta` gradwazzjoni li jinqalghu, jaghmel pjan ta` distribuzzjoni ta` l-attiv, u jahseb ghat-tqassim meta l-pjan ikun approvat.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi z-zewg stralcjarji li appuntat il-Qorti wettqu l-funzjonijiet taghhom tajjeb. Fil-qadi tad-dmirijiet taghhom, irrealizzaw l-assi tas-socjeta` skond il-ligi. Ghamlu dan b`kawtela, bla ma hallew is-suspett jiehu s-sopravvent, u billi qaghdu fuq l-ahjar provi li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom. Wara li hallsu l-passiv, ipproponew distribuzzjoni realistika u attwali. Din il-Qorti esaminat l-inkartament voluminuz ta` dan l-istralc. Tistqarr illi ghalkemm in linea ta` principju, qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` l-istralcjarji kontra l-konvinzjoni taghha, fl-istess waqt dan ma tistax taghmlu b`mod legger jew kapriccjuz. Il-Qorti ma ssibx ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju l-*modus operandi* tal-istralcjarji kemm fir-rigward tar-realizzazzjoni tal-assi kif ukoll fir-rigward tal-hlas tal-passiv. Anzi tghid li l-konkluzjonijiet tal-istralcjarji, dejjem fil-kuntest tal-qadi tal-obbligi taghhom, huma gusti u korretti.

Dan premess u accertat, fejn din il-Qorti sejra tiddipartixxi mill-fehma tal-istralcjarji hija cirkoskritta u limitata ghall-opinjoni minnhom espressa dwar il-*pet shop*. Fil-kors ta` dan l-istralc, kienet dibattuta u kombattuta bejn l-azzjonisti Alfred Mallia u Jesmond Mallia l-kirja tal-*pet shop* ta` Hat-Attard. Jidher li dan il-hanut ma kienx wiehed mill-assi tas-socjeta` dixxjolta. Eppure l-istralcjarji ndikaw li l-kirja tal-hanut kellha tmur ghand Alfred Mallia ghal ragunijiet ta` ekwita`. Id-determinazzjoni (u assenjazzjoni) ta` titolu ma taqax fil-parametri tad-dmirijiet ta` stralcjarju. Dik materja li ghandha tithalla jew sabiex tigi stabbilita f`gudizzju fil-kontenzjuz jew tigi risolta bejn l-azzjonisti de proprio (jew min minnhom) vis-à-vis is-sidien tal-fond ; certament mhux minn stralcjarju fl-ambitu ta` stralc. Fi kwalunkwe kaz, assenjazzjoni ta` kirja trid tirrizulta minn titolu mhux skond ekwita`.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tikkonferma l-konkluzjonijiet tal-istralcjarji safejn dawn jirrigwardaw ir-realizzazzjoni tal-assi tas-socjeta` dixxjolta, il-hlas tal-passivita` u d- distribuzzjoni, u taghti zmien xahrejn mil-lum lill-istralcjarji sabiex jiffinalizzaw id-distribuzzjoni.**

**Tordna li fl-gheluq ta` terminu ta` tliet xhur mil-lum, l-istralcjarji jkunu mehlusa mill-hatra taghhom, u l-affarijiet tal-kumpannija Il-Palma Agricultural Supplies Co Limited (C10770) jitqiesu bhala stralcjati ghal kollox.**

**Tordna li l-isem tal-kumpannija Il-Palma Agricultural Supplies Limited (C10770) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett minn tliet xhur mil-lum.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex f`gheluq it-tliet xhur imsemmija fil-paragrafi precedenti, jibghat ghar-registrazzjoni lir-Registratur tal-**

**Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarji mill-hatra taghhom, kif ukoll l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Il-Palma Agricultural Supplies Limited (C10770).**

**Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dan l-ordni.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------